



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-20 ta' Marzu 2019

L-awdituri jeżaminaw l-ekodisinn u t-tikketti tal-enerġija tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awditu tal-miżuri tal-UE għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija ta' prodotti, inkluż l-apparat domestiku. B'mod partikolari, l-awdituri se jivvalutaw il-kontribut ta' dawn il-miżuri għall-oġettivi tal-UE dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar l-ambjent.

Bħala parti mill-ġlieda tagħha kontra t-tibdil fil-klima, l-UE hija impenjata li ttejjeb l-effiċjenza tagħha fl-użu tal-enerġija b'20 % sal-2020 u bi 32.5 % sal-2030. Sabiex tikkontribwixxi għall-ksib ta' dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni ħadet miżuri li jiffukaw fuq disinn aktar ekoloġiku tal-prodotti u fuq informazzjoni għall-konsumatur. Madwar EUR 0.8 biljun ġew allokati għall-perjodu 2007-2020.

Illum, l-awdituri ppubblikaw Previżjoni ta' Awditu dwar il-politika tal-UE għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija. Il-Previżjonijiet ta' Awditi jipprovdu informazzjoni dwar komputu tal-awditjar li jkun għaddej. Huma intenzjonati li jkunu sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

L-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija jridu jikkomplementaw lil xulxin. Minn naħa waħda, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jippromwovu l-innovazzjoni u "jimbuttaw" lis-suq 'il bogħod mill-prodotti bl-aġar prestazzjoni. Min-naħa l-oħra, it-tikketti tal-enerġija jħeġġu lill-konsumaturi biex jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati, u b'hekk "jiġbdu" lis-suq lejn effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija. Minħabba f'hekk, is-sorveljanza tas-suq hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-prodotti jkunu qed jikkonformaw mar-rekwiżiti.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Previżjoni ta' Awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa tinsab bl-Ingliż fuq eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem
Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa
12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47063
T: (+352) 4398 45410
@EUAuditors

M: (+352) 691 55 30 63
M: (+352) 621 55 22 24
eca.europa.eu

Ir-rekwiżiti attwali tal-ekodisinn ikopru 30 grupp ta' prodotti li jvarjaw minn bozoz tad-dar għal bojlers industrijali tal-fjuwil solidu. Ir-regoli dwar it-tikkettar japplikaw ukoll, tal-inqas parzjalment, għal 13 minn dawn il-gruppi ta' prodotti. L-awditu se jeżamina kemm l-azzjoni tal-UE kkontribwiet biex jintlaħqu l-oġettivi dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar l-ambjent.

B'mod partikolari, l-awdituri se jiffukaw fuq:

- o il-ġestjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-miżuri għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija
- o l-impatt tal-azzjoni tal-UE fuq l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-Istati Membri.